# L-Innu solenni lil Ġesù Salvatur (I)

Manoel Pirotta
Manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Il-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena li għaddiet maħruġ mis-Soċjetà Mużikali Banda San Pio X ta' Ħal Lija kien wieħed speċjali. Dan għaliex, is-sena 2014 ħabtet il-150 anniversarju tal-istatwa tas-Salvatur, li kienet inħadmet fl-1864 mill-istatwarju ta' fama Karlu Darmanin, u l-100 sena mill-mewt ta' San Pio X li ġrat fl-1914. Għal din l-edizzjoni speċjali kont ktibt artiklu fuq l-*Innu lil Ġesù Salvatur*, mużika ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944) u versi bil-Malti tal-Mons. Ġużeppi Xerri. Dan kien sar bħala parti minn intervista li saritli minn Andrea Cassar, ċermen tal-kummissjoni banda żgħażagħ, bit-titlu ta' *Ġawhar mużikali li ndaqqu mill-Banda Pio X fil-festa*. Fih kont tajt ħarsa in ġenerali tal-innu l-kbir bla ma qgħadt nidħol f'wisq dettal peress li kont wgħedt li nagħmel dan fil-ħarġiet li jmiss.

Għaldaqstant, minn dis-sena 'l quddiem għażilt li naqsam kitbieti f'sensiela ta' artikli. L-ewwel tlieta rbatthom ma' wieħed mit-tliet rakkonti tat-Trasfigurazzjoni skont il-vanġeli ta' San Mattew, San Marku u San Luqa rispettivament. Ir-raba' artiklu ser ikun marbut mat-tieni ittra kif insibuha fil-vanġelu skont San Pietru. B'hekk inkun qed nagħti perspettiva kemm jista' jkun wiesgħa ta' dan il-kapolavur ta' Miruzzi. Jerġa', kull artiklu ser jinkludi wkoll analiżi mużikali dettaljata fuq il-passaġġi l-aktar importanti bħalma huma, l-arji tat-Tenur u l-Baxx, id-dwett ta' bejniethom, u l-Għanja mill-kor, aktarx tat-tfal. Fl-artikli jista' jidħol ukoll xi tagħrif ieħor, bħal ngħidu aħna dak bibliku u/jew topografiku, biografija fuq l-envanġelisti, ritratti ta' pitturi tat-Trasfigurazzjoni minn artisti lokali magħrufin li jinsabu mxerrdin f'xi knejjes Maltin u Għawdxin, kif ukoll xi eżempji mużikali.

Kliem muftieħ: Innu solenni lil Ġesù Salvatur, Innu di Gloria, Mro. Antonio Miruzzi, Trasfigurazzjoni, Salvatur, Tabor, Soċjetà Mużikali Banda San Pio X Lija.

DAĦLA: Li timmużika innu kbir mhix xiħaġa lakemm taqbad u tagħmilha, aktar u aktar meta jkollok titratta



ġrajja biblika ta' importanza kbira li fiha nnifisha hija misterju. Hawn mhux qedin nitkellmu fuq sempliċi rakkont storika tal-martirju ta' xi qaddis/a, imma fuq it-Trasfigurazzjoni[1] tas-Salvatur. Xtaqt kont għal waqt wieħed biss fiż-żarbun tas-Surmast Miruzzi biex nara l-mod ta' kif kien ħa dan is-suġġett meta ġie biex jimmużika t-test, aktarx bit-Taljan, li kien ingħatalu. Kif ser naraw, dan irnexxielu jagħmlu billi ċċekken mużikalment quddiem il-kobor bla qies ta' din il-ġrajja. Ir-riċetta għal dan is-suċċess huwa dovut l-aktar għal dik li jiena qed insejħilha *sempliċità effettiva* fejn il-kompożitur, minflok qagħad jinfexx inutilment f'ħafna komplessitajiet mużikali, aktarx bbażati fuq studji akkademiċi, biex jesprimi ruħu, għażel li jibni xogħlu bl-aktar mod sempliċi kemm f'dawk li huma linji melodiċi, kif ukoll fl-istrutturar fejn tidħol l-armonija.



**Il-Festa tat-Trasfigurazzjoni**: Ngħid għalija, kull darba li niġi biex nimbarka fuq xogħol ġdid li jinvolvi test, l-ewwel ħaġa li nagħmel, qabel ma nibda nħażżeż l-iċken nota hu, li nidħol daħla sewwa fis-suġġett ħalli nkun f'pożizzjoni li nista' nifhmu aħjar għal meta niġi biex nimmużikah, xiħaġa li nimmaġina li Miruzzi żgur illi għamel. Dan hu wkoll li jiena qed nagħmel fir-rigward ta' dan l-innu l-kbir.

[1] Tibdila f'sura oħra superjuri jew bosta aħjar: tisbiħa tax-xbieha aktar minn qabel.

Infatti, storikament, il-festa tat-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur taf il-bidu tagħha fil-Lvant fejn kienet meqjuma bis-solennità kollha fil-Knisja Biżantina f'din l-istess ġurnata ta' nhar is-6 ta' Awwissu qabel l-ewwel millennju wara Kristu. Dil-festa kienet saret waħda ġenerali fi żmien Kallistu III biex biha jfakkar ir-rebħa fuq it-Torok tal-1456. Huwa kien ordna li, din il-Festa tat-Trasfigurazzjoni tinżamm kullimkien f'dan il-jum. (Il-pittura hija xogħol ta' Robert Caruana Dingli[2] (1882-1940) u tinsab f'arzella fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex.)

Mil-lat reliġjuż, tlieta mill-erba' Evanġelisti ( San Mattew: Kap 17, 1-8; San Mark: Kap 9, 2-13; u San Luqa: Kap 9, 22-27) jagħżlu li jirrakkuntaw din il-ġrajja tant importanti li mhix għajr konferma tal-istqarrija ta' Pietru, Ġakbu u ħuh Ġwanni, tliet dixxipli li kienu qrib ħafna ta' Ġesù, li hu l-Messija. Dan għaliex, fuq il-muntanja dehru ħdejH, Mosé u Elija, fejn tal-ewwel jirrappreżenta l-Liġi, filwaqt li tat-tieni lill-Profeti. Dan kien ifisser li, il-wegħdiet messjaniċi tat-Testment il-Qadim kellhom iseħħu fi Kristu, l-Iben t'Alla l-ħaj. L-istess ġrajja tat-Trasfigurazzjoni kienet konferma li, bħala Messija, Ġesù kellu jbati u jmut. Infatti, San Luqa jgħidilna li, Mosé u Elija dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq tmiem il-ħajja ta' Ġesù li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Fuq kollox, din il-ġrajja kellha tikkonferma il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet tant li, waqt it-Trasfigurazzjoni deher fil-glorja – kif fil-fatt ġara.

*Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-appostli fuq il-muntajna Tabor*
(Ir-raba' misterju mir-rużarju tad-Dawl)

It-Trasfigurazzjoni tas-Salvatur skont l-Evanġelju ta' San Mattew:



L-Evanġelju[3] ta' Sidna Ġesù Kristu skont San Mattew huwa l-ewwel wieħed minn erbgħa li jidhru fit-Testment il-Ġdid u li bejniethom jiffurmaw l-hekk imsejħa kotba legali. Aktarx li, Mattew kiteb l-Evanġelju bis-siru-kaldajku, ilsieb li joqrob sew lejn dak Lhudi, iżda xorta waħda jinkiteb bl-ittri lhudin griegi. Dan għamlu fuq talba ta' dawk il-Lhud stess li kienu kkonvertew għal-Liġi Nisranija. L-iskop li għalih Mattew kiteb l-evanġelju ta' Kristu kien biex ikun għamel ġabra tal-messaġġi u l-ministeru ta' Ġesù għan-nies ta' żmienu. Fl-Evanġelju tiegħu wkoll, Mattew ried juri li Kristu kien tabilħaqq dak il-Messija li kien ilhom tant jistennew, u li Hu twieled mir-razza ta' David, u għaldaqstant, Hu kien mela l-veru Sultan tal-Lhud. Il-Vanġelu nkiteb bejn wieħed u ieħor bejn it-48 jew 49 sena w.K. waqt li San Mattew kien fis-Sirja. Bħala simbolu, lil San Mattew dejjem ipenġulu ma' ġenbu Anġlu xbieha ta' bniedem peress li l-Vanġelu tiegħu jibda bin-nisel tas-Salvatur bħala bniedem.

Min kien storikament San Mattew l-Evanġelista?: Twieled fil-Galilea minn Alfew. Biddel ismu minn Levi għal Mattew (li bil-Lhudi tfisser *mogħti minn Alla* jew *għati t'Alla*) wara li kkonverta ruħu biex juri li kien sar bniedem ġdid wara li kien irrinunzja l-professjoni tiegħu bħala publikan, jiġifieri wieħed li kien jiġbor it-taxxi għar-Rumani fis-servizz ta' Erodi Antipa. Tant seħħet malajr il-konverżjoni tiegħu li, fil-bidu tal-ħajja ġdida tiegħu, għamel ikla kbira fejn stieden mhux biss lil Kristu u l-ixirka tiegħu, imma anki lill-ħbiebu ta' qabel fosthom, kolletturi tat-taxxa. Dan il-ġest kien qajjem għagħa u rabja kbira mill-Fariżej kontra Kristu u l-istess publikani. Għalkemm Mattew ma jissemma mkien aktar ħlief fil-lista tal-Appostli, nafu li hu kien mexa wara Kristu sa ma ħa l-Passjoni u kien xhud tal-qawmien Tiegħu mill-imwiet fil-Galilija. Kien ukoll fl-istess imkien mal-Appostli l-oħrajn kollha meta Ġesù tela' s-Sema, u mar flimkien magħhom Ġerusalemm biex jitlob u jistenna l-miġja tal-Ispirtu s-Santu. L-Evanġelju kitbu fl-ilsien Lhudi għall-Lhud Insara tal-Palestina. Wara

[2] Twieled il-Belt Valletta. Studja l-pittura taħt Ġużeppi Calì, u fl-iskejjel tal-arti f'Chelsea u Londra. Kien ukoll inċiżur, karikaturist u artist grafiku tajjeb. Kien l-ewwel għalliem tal-arti u d-disinn fl-Iskola tal-Arti tal-Gvern li twaqqfet fl-1925.
[3] Kelma mittieħda minn żewġ kelmiet oħra bil-Grieg, *eus* (tajjeb) u *angelos* (anġlu, aħbar) = Euangelion (aħbar tajba, tal-ferħ).

ħafna ħidma fil-Lhudija, mar jippriedka fil-Lvant fosthom, l-Etijopja, fejn wettaq ukoll diversi mirakli sa ma miet martri. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Settembru.

KAPITLU 17, 1-13: It-Trasfigurazzjoni: ***Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom, u tbiddel quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad bħad-dawl. U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu. Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija." Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu." Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin biża'. Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: "Qumu. La tibżgħux." Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu.***



***Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: "Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem[4] ikun qam mill-imwiet." U d-dixxipli staqsewh: "Mela kif jgħidu l-kittieba l-ewwel għandu jiġi Elija?" Hu weġibhom: "Elija jiġi, iva, u jerġa' jqiegħed kollox f'postu. Imma ngħidilkom: Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx, imma ġiebu ruħhom miegħu kif għoġobhom. Hekk ukoll Bin il-bniedem għandu jsofri minnhom." Imbagħad id-dixxipli fehmu li hu kien qed jgħidilhom għal Ġwanni l-Battista.***

**L-arja[5] tat-Tenur[6]**

| Ittra | Battuti | Temp[7] | Tonalità | Espressjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| N, O, P | 334-381 | $^3/_4$ | FA Maġġuri | *Andante* |

It-tabella t'hawn fuq turina li, din l-arja qegħda pjuttost lejn l-aħħar parti tal-*Innu Solenni lil Ġesù Salvatur* li b'kollox jammonta għal 454-il battuta. Infatti, fil-partitura, l-arja tat-Tenur tokkupa l-ittri 'N', li fiha 18-il battuta (b. 334-351), 'O', li fiha 16-il battuta (b. 352-367), u 'P', li fiha 14-il battuta (b. 368-381). Iżda, għalkemm jaqsmu l-arja fi tlieta, dawn l-ittri, ħlief għall-ewwel waħda, ma jikkorrespondux mal-forma li fiha hi

[4]Titlu li nsibuh dejjem fuq fomm Ġesù fit-Testment il-Ġdid – liema titlu ikun qed jirreferi għalih innifsu. Aktarx li, Ġesù kien jinqeda b'dan it-titlu biex jilqa' ruħu mill-perikli li l-poplu jaħsbu sultan politiku jew xiħaġa oħra li ma taqbilx mal-missjoni spiritwali tiegħu. Dat-titlu jidher l-ewwel darba fil-ktieb ta' Danjeli meta jħabbar li, Ġesù huwa *Bin il-Bniedem* li għad jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja.

[5]Silta meħuda l-aktar minn xi opra jew oratorju li titkanta minn kantant waħdu.

[6] Mill-vuċijiet kollha maskili, dik tat-tenur hija l-aktar waħda għolja. Ħafna kompożituri tal-opra jiktbu għaliha.

[7] Kelma li tista' tfisser żewġ affarijiet: (a) biex tiddeskrivi b'liema pass għandha timxi l-mużika. Dawn it-termini jissejħu espressjonijiet għax huma jagħtu l-ħajja lil kull biċċa xogħol, u huwa permezz tagħhom li l-iżjed titpaxxa l-mużika. Fl-istess ħin, il-kompożitur ikun qed jisserva bihom biex ifisser is-sentimenti jew xejra tal-qalb tiegħu. Espressjoni, jew aktar, li ħafna drabi tkun bil-lingwa Taljana (ħasra li temp qajla nagħtuh bil-Malti), titniżżel fil-bidu ta' biċċa xogħol biex tindika f'liema temp għandha tittieħed. L-isfumaturi li għandhom x'jaqsmu mal-volum tal-ħoss huma wkoll parti mil-lista twila ta' espressjonijiet, u li bihom il-mużika tista' allura tiżżejjen; (b) is-sinjal li jurina kif titħabbat biċċa mużika, jew kif hi mqassma l-battuta. Il-mużika kollha hi msejsa fuq it-temp doppju (*duple*) jew triplu (*triple*), u l-multiplu tagħhom. Iż-żewġ numri fuq xulxin li jkollna fil-bidu ta' biċċa mużika juruna l-għadd u d-dewmien tan-noti rispettivament. Dan għaliex, kull battuta għandu jkollha ċertu għadd stabbilit ta' dewmien.

tabilħaqq mibnija. Dan għaliex, l-arja għandha forma sempliċi ternarja[8] fejn it-taqsimiet huma kif ġej: A = b. 334-351, B = 352-359, u $A^1$ = 360-373, bil-kumplament tal-battuti[9] (374-381) jiffurmaw bejniethom il-koda.

Taqsima **A** (b. 334-351) tiftaħ b'introduzzjoni ta' żewġ battuti bil-għan li ddaħħalna mill-ewwel f'burdata partikolari li bħalha qatt ma konna esperjenzajna qabel. Dan għaliex, kollox hu mibni fuq l-iskala pentatonika[10] li tibda minn *Fa*, i.e. *Fa – Sol – La – Do – Re*. Wieħed jinnota li, skala bħal mhi din hi nieqsa mis-semitoni[11], u allura ma jistax ikun hemm lok għal xi forma ta' dissonanza[12]. Hija, biex ngħid hekk, ħielsa minn kull tniġġiż li jista' jtebbagħha, ħlief għar-Re*b* f'b. 342, li bħal donnha ttappan xi ftit l-awra pożittiva li kienet tiċċirkundaha. Din in-nota barranija mhux b'kumbinazzjoni saret, imma tqiegħdet hemm b'intenzjoni biex tagħmel enfażi fuq il-frażi: *bid-dnub mifnija*. Hawn, il-kompożitur qed ipenġi burdata li tesprimi t-toqla tal-qalb kawża tal-għemejjel ħżiena li kultant il-bniedem dgħajjef ifettillu jivvinta. U appuntu, l-intervall[13] tas-sekonda minuri fuq naħa, u l-waqgħa tas-sesta minuri fuq in-naħa l-oħra – Do – Re*b* – Fa, jgħinu biex joħolqu dan is-sentiment li, donnu joskura xi ftit is-safa li konna qedin ngħixu fiha sa ftit qabel. Bħal donnu l-kompożitur, permezz tal-mużika, irid ipenġi hawnhekk kif kienu qedin iħossu ruħhom imtebbgħin quddiem dik il-bjudija għammiexa kollha waqt li Ġesù ttrasfigura ruħu!




Iżda, biex inkomplu aktar fuq l-atmosfera serena li l-kompożitur ried idaħħalna fiha, tajjeb li ngħidu xiħaġa wkoll fuq il-mod kif dan il-passaġġ ġie orkestrat[14] għall-banda. Infatti, hu jirnexxilu joħloq èstasi sonori bl-użu tal-armonija statika u ritmu stinat[15]. (Wieħed irid jiftakar li, l-Appostli lanqas riedu biss jinżlu minn fuq it-Tabor quddiem dik id-dehra tal-għaġeb. Niftakru x'qal Pietru lil Ġesù: *"Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija."*) Fl-eżempju t'hawnhekk jidhru l-ewwel żewġ battuti fejn jidħol ikanta t-Tenur. Fuq in-naħa l-waħda, il-klarinetti primi jakkumpanjawh permezz tal-arpeġġi[16] mibnijin fuq l-istess skala pentatonika. Dawn l-arpeġġi jirrepetu ruħhom kull żewġ battuti u b'hekk joħolqu dak l-istinat li semmejna. In-noti tagħhom huma fil-fatt meħudin mill-istess linja melodika tat-Tenur, imma bid-differenza li dawn jindaqqu fi kromi u mhux f'semiminimi bħal fil-każ tat-Tenur – dik li aħna nsejħulha diminuzzjoni tal-valur tan-nota. Fuq in-naħa l-oħra mbagħad, għandna l-ewfonji u l-baxxi jdoqqu nota twila differenti biex bejniethom joħolqu pedala doppja. Din tikkonsisti f'żewġ noti, dik tonika u l-oħra dominanti. Meta tqiegħed lill-kulħadd flimkien tinħoloq dik li aħna nsejħulha armonija timbrali li bħalha nsibu ħafna fil-mużika orjentali.

[8] Forma fi tliet taqsimiet fejn it-tielet waħda hija repetizzjoni (eżatta jew viċin) tal-ewwel waħda. Dil-forma hija ppreżentata bħala aba (jekk l-ewwel u t-tielet taqsima huma l-istess f'kollox) jew $ABA^1$ (jekk it-tielet taqsima tkun xi ftit jew wisq differenti mill-ewwel waħda).

[9] Miżura tal-mużika, jew aħjar, id-diviżjoni ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità egwali ta' valur. Battuta tinfired minn oħra billi tqiegħed stangetta (*barline*) bejniethom.

[10] Skala magħmula minn ħames noti, eż. *Do – Re – Mi – Sol – La* u terġa' *Do* (ottava fuq). Ir-raba' u s-seba' grad huma neqsin minn din l-iskala biex jiġu evitati s-semitoni.

[11] Fil-mużika, jirreferi għall-iċken distanza li jista' jkollok bejn nota mużikali u oħra.

[12] Kelma li tirreferi għal ħoss ta' tnejn jew aktar noti li meta jindaqqu flimkien huma neqsin mill-armonija ta' bejniethom.

[13] Id-distanza li jkun hemm fil-ħoss bejn nota u oħra.

[14] Orkestrazzjoni hi l-arti ta' kif tħejji mużika biex tindaqq minn orkestra jew banda.

[15] *Ostinato* jikkonsisti fi frażi mużikali ripetuta jew ritmu persistenti.

[16] Noti ta' akkordju li jindaqqu wara xulxin bħal f'arpa. Fil-fatt, il-kelma hi ġej mill-mod kif tindaqq l-arpa.




F'taqsima **B** (352-359) nsibu ħafna affarijiet li huma differenti. Ibda biex, din tikkonsisti biss f'sentenza ta' tmien battuti maqsuma f'żewġ frażijiet daqsinsew, u bit-tieni waħda timxi fuq l-istess mudell tal-oħra f'dik li hi melodija u armonija. Il-mużika tagħha ma tibqax modali imma ssir waħda tonali u tinħass li qegħda timmodula minn ton għall-ieħor. Din il-bidla fil-klima taqbel perfettament ma' dak li qed jgħid t-Tenur meta ikanta li: "*Ġesù biddel f'sebħ wisq bnin."* Il-bidla sseħħ fiż-żewġ każijiet bl-istess mod u l-istess skop. U xi ngħidu mbagħad għall-akkumpanjament tal-banda fejn donnha l-mużika tieħu l-ħajja wara raqda ta' noti twal u armonija statika. Id-diskors isir aktar konċiż u kulħadd jinfexx f'noti stakkati u l-mużika tibda tiġma' sa ma tilħaq il-qofol tagħha u fis nerġgħu lura għall-klima li konna bdejna biha.

Taqsima **A**$^1$ (b. 360-373) għandha ħafna mill-ewwel waħda tant li, l-ewwel tmien battuti huma l-istess f'kollox. Huwa fit-tieni parti tagħha li jseħħu żviluppi ġodda f'dik li hi melodija u armonija. Hawn it-Tenur ikun ser jitħajjar jerġa' jibda il-frażi bl-istess mod imma f'salt wieħed il-vuċi tibqa' tiela' 'l fuq sa ma tmiss l-ogħla nota (*La*) mil-Innu kollu (b. 371). Minn hemm it-Tenur jibda nieżel lura, u wara li jagħmel pawsa qasira fuq nota ġix battuti wara, imur biex jirsolvi fuq l-aħħar nota. F'dik li hi armonija mbagħad, il-kompożitur hawnhekk idaħħal passaġġ kromatiku bil-baxxi neżlin bin-nofs ton kull darba sa ma jaslu għall-kadenza[17] tal-aħħar. B'hekk, issa għandna l-vuċi tiela' min-naħa l-waħda filwaqt li, il-baxxi neżlin min-naħa l-oħra. Dan il-moviment kuntrarju jkompli jgħin biex tintlaħaq il-klajmakx li għadna kif semmejna. U bħallikieku dan kollu mhux biżżejjed, anki l-volum ġenerali jżid fil-qawwa tiegħu permezz ta' krexxendo kbir, kif l-istess jagħmlu wkoll l-istrumenti tal-perkussjoni bir-rollijiet tagħhom.

Tmiem taqsima **A**$^1$ iġġib magħha wkoll tmiem l-arja tat-Tenur. Dan ikun il-mument biex il-banda, filwaqt li titħajjar tieħu mill-istess melodija li fetaħ biha t-Tenur, tmur u tagħlaq l-*Andante* fuq nota kalma u kwieta, miksura biss mit-tokki tal-qniepen.

GĦELUQ: Fil-ħarġa li jmiss tal-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla ser inkun qed niktbilkom fuq it-*Trasfigurazzjoni tas-Salvatur* skont San Marku l-Evanġelista kif ukoll nitkellem fuq id-Dwett sempliċi imma ħelu ta' bejn it-Tenur u l-Baxx.

Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Lijani fl-okkażjoni tal-festa tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu Salvatur fuq it-Tabor li tiġi ċċelebrata ġewwa Ħal Lija.

Bibliografija:

Awturi varji: It-Testment il-ġdid tas-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu – Għaqda Biblika Maltija 1975.
Awturi varji: **Il-Bibbja** (il-Kotba Mqaddsa) tielet edizzjoni – Għaqda Biblika Maltija 2004.
Friggieri Oliver: **Dizzjunarju ta' Termini Letterarji** – Peg Publications 2000.
Preca Annibale: **Storja Sagra** illustrata f'erba' volumi – Giovanni Muscat, Malta 1948.
Theuma Ġużeppi: L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti – Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2006.
Xuereb Victor: **Il-Mitoloġija** – PIN Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 1999.

[17] Progressjoni ta' kordi li jġibu frażi mużikali fi tmiemha.